# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' Marzu 2020**

**Rikors Numru : 498/2019 JPG**

**Kawza Numru : 32**

**MC**

**vs**

**SZ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' MC, datat 5 ta' Novembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet fil-kawża de quo iżżewwġu nhar id-disgħa (9) ta' Settembru elfejn u sitta (2006) vide ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok A);*

*Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;*

*Illi l-partijiet ilhom separati legalment sa mit-3 ta' Ottubru 2013 (Vide kuntratt ta' separazzjoni anness u immarkat dok B) u ċioe aktar minn erba' snin;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra iffurmaw rabtiet ma' persuni oħrajn;*

*Illi l-partijiet ma jivversaw l-ebda manteniment fil-konfront ta' xulxin;*

*Illi l-partijiet m'għandhom l-ebda proprjeta in komuni;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għalhekk, fid-dawl tal-fatti hawn fuq esposti, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ u/jew id-divorzju bejn il-partijiet skond l-Artikolu 66 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili);*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Illi **MC** xehdet bil-ġurament (fol 29) illi hija iżżewwġet lil SZ fid-disgħa (9) ta' Settembru elfejn u sitta (2006) u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u

l-partijet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni. Illi mid-data ta' separazzjoni '1 hawn ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas hemm tama tal-istess. Xehdet ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Illi **SZ** xehed bil-ġurament (fol 31) u ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet MC.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Settembru 2006 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech, datat 3 ta' Ottubru 2013 (vide Dok. B fol 6 et seqq.tal-proċess) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**